# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 554/2013MH**

**Illum, 28 ta' Mejju, 2018**

**Raymond Zammit (K.I. 250659M) bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kumpaniji Raymond Auto Dealer Ltd (C9850) u Ta' Kola Limited (C33068)**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-Rikors Guramentat tal-attur nomine tas-6 ta' Gunju 2013** fejn gie premess:

*"Illi l-kumpanija Ta' Kola Properties Limited, illum magħrufa bħala Ta' Kola Limited, hija proprjetarja tas-sit li kien iġib l-indirizz Hunter's Lodge, Triq il-Moletta, Swieqi filwaqt li l-kumpanija Raymond Auto Dealer Ltdkienet l-applikanta oriġinali fl-applikazzjoni ta' żvilupp bin-numru PA/02978/06 relatata ma' l-istess sit sakemm l-istess proprjeta' ġiet trasferita fil-mori ta' l-applikazzjoni lill-kumpanija Ta' Kola Limited.*

*Illi fis-sena 2006 r-rikorrent Raymond Auto Dealer Ltd bl-għajnuna tal-arkitett tagħha oriġinarjament issottomettiet l-applikazzjoni tagħha numru PA/02978/06 għal żvilupp tas-sit hawn fuq imsemmi liema applikazzjoni kienet tinkludi l-iżvilupp ta' 'four semi-basement maisonettes at semi-basement level' iżda fil-mori tal-applikazzjoni l-applikant ġie mitlub mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar permezz ta' ittra datata 24 ta' Frar, 2009 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. "RZ1") sabiex dawn l-imsemmija erba' semi-basement maisonettes at semi-basement level jitneħħew mill-applikazzjoni ta' żvilupp. L-applikant kien assigurat li jekk issir din l-emenda l-applikazzjoni PA/02978/06 tkun tista tiġi kkunsidrata favorevolment mill-Awtorita' fuq imsemmija u dan bl-iskuża li l-karatterisitiċi taż-żona tas-sit de quo ma kienux jippermettu residenzi fil-livell ta' semi-basement fost raġunijiet u skuzi oħra kkwotati mill-Awtorita' intimata;*

*Illi fil-fatt l-applikazzjoni bin-numru PA/02978/06 ġiet approvata mill-Awtorita' nhar is-26 ta' Ottubru, 2010 wara li ġiet emendata l-applikazzjoni surreferita b'tali mod li l-erba' semi-basement maisonettes ġew eliminati mill-iżvilupp (kopja tal-permess PA/02978/06 hawn annessa u mmarkata Dok. "RZ2").*

*Illi l-izvilupp fis-sit de quo inbena mingħajr l-imsemmija erba' maisonettes fil-livell ta' semi-basement wara t-talba surreferita ta' l-Awtorita';*

*Illi jirriżulta iżda li nhar is-16 ta' Dicembru, 2011 l-Awtorita' għogobha tapprova permess ta' żvilupp f'sit adġacenti għal proprjeta' tas-sit in kwistjonibir-referenza numru PA/01101/11 f'isem Raymond Briffa (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. "RZ3") fejn dan il-permess ta' żvilupp l-Awtorita imsemmija approvat residenzi fil-livell ta' semi-basement b'mod simili jekk mhux identiku għal dak kif kien oriġinarjament propost mir-rikorrenti jew min minnhom u dan kjarament b'kontradizzjoni assoluta għal dak li ġie deċiż u mpost fuq l-esponenti fil-permess ta' żvilupp tar-rikorrenti, ossia l-permess PA/02978/06;*

*Illi fil-mument li l-Awtorita' għoġobha toħroġ il-permess bin-numru PA/01101/11, l-Awtorita' rrendiet ruħha responsabbli għal danni sofferti mis-soċjetajiet rikorrenti jew minn minnhom u dan talli fil-każ tal-permess ta' zvilupp tar-rikorrenti l-istess Awtorita' imponiet li r-residenzi fil-livel ta' semi-basement jitneħħew bħala kundizzjoni prinċipali sabiex jinħareg il-permess ta' żvilupp fuq is-sit in kwistjoni;*

*Illi dan l-aġir da parti ta' l-Awtorita' intimata mhux legalment ġustifikabbli u kkawża u qed ikompli jikkawża danni finanzjarji konsiderovoli lir-rikorrenti fosthom telf ta' valur ta' erba' residenzi fil-livell ta' semi-basement kif ukoll imgħaxijiet fuq l-istess valur liema danni l-Awtorita' hija unikament responsabbli ghalihom;*

*Illi permezz ta' protest ġudizzjarju bir-referenza 15/2013, il-kumpaniji rikorrenti ġabu a formali konjizzjoni tal-Awtorita' intimata l-pretensjonijiet taghhom dwar danni li ġia ġew sofferti u li għad iridu jiġu sofferti konsegwenza ta' l-aġir tal-Awtorita' intimata (kopja tal-imsemmi protest ġudizzjarju hawn anness u mmarkat Dok. "RZ4");*

*Illi nonostante l-protest gudizzjarju l-Awtorita' intimata baqghet inadempjenti.*

*Għaldaqstant tgħid l-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar intimata għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandiex:*

*Tiddikjara li l-kumpaniji rikorrenti jew min minnhom soffrew danni konsegwenza ta' l-agir tal-Awtorita dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fil-konfront taghhom;*

*Tiddikjara li ghad-danni sofferti mill-kumpaniji rikorrenti hija unikament responsabbli l-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar;*

*Tilikwida d-danni sofferti mill-kumpaniji rikorrenti jew min minnhom, bin-nomina ta' perit nominandi jekk ikun il-kaz;*

*Tikkundanna lill-Awtorita' intimata għall-ħlas tad-danni kif hekk likwidati lill-kumpaniji rikorrenti jew min minnhom;*

*Bl-ispejjez kollha, inklużi l-ispejjeż tal-protest ġudizzjarju surreferit bin-numru 15/2013 kontra l-Awtorita' intimata li qiegħda minn issa tiġi nġunta għas-subizzjoni u bir-rizerva għal kull azzjoni fil-liġi, bl-imghax skond il-ligi."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat.

Rat **id-digriet taghha tas-27 ta' Gunju 2013**[1] li permezz tieghu din il-Qorti tat diversi ordnijiet lill-partijiet fosthom lill-atturi sabiex jiddikjaraw fuq liema provvediment tal-ligi qeghdin jibbazaw it-talbiet taghhom.

Rat **ir-Risposta Guramentata tal-konvenuta Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tad-29 ta' Lulju 2013**[2] fejn gie eccepit:

*"Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari r-rikors guramentat promutur huwa null stante li huwa neboluz u ma jindikax b'mod car u sewwa l-oggett u t-tip ta' kawza esperita w ir-ragunijiet tat-talba u kwindi l-eccipenti ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju. F'dan ir-rigward l-atturi qedin formalment jigu mitluba sabiex jiddikjaraw abbazi ta' liema dispozizzjoni tal-ligi qedin isejjsu l-azzjoni taghom jew t-tip ta' azzjoni li qeda tigi esperita minnhom u f'dan is-sens l-eccipjenti qeda zzomm fermi u impregudikati d-drittijiet kollha taghha u tirriserva li tipprezenta eccezjonijiet ulterjuri hekk kif u meta l-atturi jiddikjaraw il-bazi legali jew t-tip ta' azzjoni esperita minnhom. Minn issa l-eccipjenti qeda teccepixxi l-preskrizzjoni u/jew dekadenza skond il-kaz u applikabbli hekk kif l-atturi jottemperaw ruhhom ma' dak li hawn mitlub u jindikaw il-bazi legali jew tip ta' azzjoni li qedin jezercitaw.*

*2. Illi fi kwalunkwe kaz, u wkoll in linea preliminari, n-nuqqas assolut ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti, in kwantu r-rikorrenti qedin*

[1] Fol 26 u 27. Permezz ta' dan id-digriet gie mhassar digriet precedenti tal-24 ta' Gunju 2013 a fol 22
[2] Fol 29 et seq

*jippromwovu azzjoni li ghandha s-sembjanza ta' kawza ghad-danni, izda li effettivament hja intiza li b'xi mod tattakka l-kunsiderazzjonijiet prettament ta' planning li qieset l-Awtorita eccipjenti fl-ipprocessar u l-eventwali approvazzjoni tal-permessi sia tar-rikkorent innifsu bin-numru PA/02978/06 u kif ukoll ta' terzi bin-numru PA/01101/1. F'dan r-rigward jigi rilevat li kwistjonijiet bhal dawn li huma kwistjonijiet purament ta' planning jezorbitaw mill-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti u jaqghu esklussivament fil-mansjoni tal-ezercizzju tal-poteri tal-organi tal-istess Awtorita' eccipjenti u l-ahhar arbitru dwarhom huwa t-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u mhux din il-Qorti li ghalhekk m'ghandiex is-setgha li tinvesti fl-istess. F'dan is-sens qed jigi eccepit in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.*

*3.Illi fit-tielet lok u bla pregudizzjoni ghas-sueccepit, ir-rikorrenti ghandhom jippruvaw l-interess guridiku taghom.*

*4. Illi fir-raba lok u bla pregudizzju ghas-sueccepit, u dato ma non concesso li l-eccezzonijiet precedenti ma jigux akkolti, fil-mertu t-talbiet attrici huma ghal-kollox infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu fl-ipprocessar u l-eventwali approvazzjoni tal-permessi ghall-izvilupp in kwistjoni u cioe' PA/02978/06 u PA/01101/11 l-eccipjenti mxiet in piena konformita' mal-Ligijiet, regolamenti u policies tal-ippjanar applikabbli u in ottemperanza assoluta mal-obbligi u l-funzjonijiet imposti fuqha skond il-Ligi senjatament kif kontemplati fl-artikolu 69 tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta, u dank if ser jirrizulta bic-car waqt is-smiegh tal-kawza. Di fatti l-obbligu li ghandha l-Awtorita' esponenti a tenur dan l-Artikolu huwa li tezamina u tikkonsidera kull applikazzjonijiet ghall-izvilupp li ssirilha abbazi tal-pjanijiet u l-policies tal-Ippjanar li jkunu applikabbli u kif ukoll abbazi ta' kwalsiasi planning consideration li jidhrilha pertinenti li tikkonsidra fid-dawl tal-fattispecje tal-kaz partikolari li jitressaq quddiemha. Ghaldaqstant l-Awtorita' esponenti tkun qed tonqos mill-obbligi legali taghha li kieku kellha taqbad u tiddeciedi fuq kull applikazzjoni li ssirilha*

*<u>b'mod awtomatiku</u> minghajr ma tistharreg b'mod akkurat il-fattispecje ta' kull kaz u l-planning concerns specifikatament relatati mal-istess. Kif ser jirrizulta bic-car waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-planning concerns relattivi ghaz-zewg applikazzjonijiet in kwistjoni kienu u huma differenti minn xulxin.*

*5. Illi fi kwalunkwe kaz ir-rikorrenti ma sofrew u m'huma qeghdin isofru l-ebda forma ta' danni, u l-allegazzjonijiet minnhom imressqa f'dan ir-rigward, huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt. Infatti fir-rigward tat-talbiet attrici ghal dikjarazzjoni ta' responsabilta', likwidazzjoni u hlas ta' danni jigi eccepit illi biex azzjoni ghad-danni tirnexxi, l-atturi huma tenuti mhux biss li jipprovaw materjalment li sofrew xi danni bi provi rigoruzi u cari, izda jridu jipprovaw ukoll in-ness kawzali bejn id-danni minnhom allegatament sofferti u xi tort jew nuqqas tal-ecceipjenti u kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza la wahda u lanqas l-ohra minn dawn l-elementi ma jezistu fil-konfront tal-eccipjenti fil-kaz de quo.*

*6. Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet kollha tal-atturi huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*7. Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti, ossia eccezzjonijiet ulterjuri.*

*BL-ISPEJJEZ kollha kontra r-rikorrenti."*

Rat id-Dikjarazzjoni Guramentata u l-lista tax-xhieda annessi mar-risposta guramentata.

Rat **in-Nota tal-attur nomine tas-26 t'Awwissu 2013**[3] li permezz taghha u in ottempranza mad-digriet tal-Qorti tal-24 ta' Gunju 2013 huwa ghamel diversi dikjarazzjonijiet, fosthom dawk indikati fl-ewwel paragrafu fejn qal li t-talbiet fir-rikors promotur huma msejha ai termini fost ohrajn ta' l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll jikkoncernaw talba ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mill-attur nomine konsegwenza tal-agir tal-Awtorita' fil-

[3] Fol 34 et seq

konfront taghhom ai termini tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, b'riserva ghall-indikazzjoni ta' artikoli ohra tal-Ligi jekk ikun il-kaz.

Rat **id-digriet taghha tat-28 t'Awwissu 2013**[4] fejn il-Qorti, b'referenza ghal dak li nghad fl-ewwel paragrafu tan-Nota tas-26 t'Awwissu 2013 stiednet lill-attur nomine sabiex: (1) b'referenza ghall-artikolu 469A tal-Kap 12 jiddikjara l-paragrafu li qieghed jibbaza l-ilment tieghu fuqu; u (2) b'riferenza ghall-provvediment tal-Kodici Civili, jiddikjara liema huma l-provvedimenti li qeghdin jigu nvokati.

Rat **in-Nota tal-attur nomine tad-9 ta' Settembru 2013**[5] li permezz taghha ai termini tad-digriet tal-Qorti tat-28 t'Awwissu 2013 iddikjara s-segwenti:

*"Illi ai termini tal-ewwel paragrafu tad-digriet surreferit, ir-rikorrenti jeccepixxu li qeghdin jibbazaw l-azzjoni taghhom abbazi tal-artikolu 469A (1) (a) u (b) (ii), (iii) u (iv) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi b'referenza partikolari ghall-artikolu 469A (1) (a) ir-rikorrenti jibbazaw ir-rikors guramentat taghhom fuq ksur tad-dritt ta' tgawdija tal-proprjeta' kif sancit fil-Kostituzzjoni ta' Malta u ai termini tal-artikolu 1 tal-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, implimentata u suggetta ghall-Ligi ta' Malta permezz tal-Kap 319, cioe' il-principju tad-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta';*

*3. Illi ai termini tat-tieni paragrafu tad-digriet surreferit, ir-rikorrenti jiddikjaraw li l-azzjoni taghhom qieghda tigi bbazata wkoll fuq il-provvedimenti tal-artikoli 1030, 1031, 1032 u 1033 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*4. B'riserva ghall-indikazzjoni ta' artikoli ohra u ancillari jekk ikun il-kaz."*

[4] Fol 54
[5] Fol 56

Rat il-verbal taghha tal-21 t'Ottubru 2013[6] li fih id-difensur tal-Awtorita' konvenuta talab zmien sabiex jirregola ruhu dwar l-ewwel eccezzjoni tal-istess Awtorita' in vista ta' dak li inghad fin-Nota tad-9 ta' Settembru 2013.

Rat li fl-istess seduta hija laqghet din it-talba u ffissat terminu sabiex l-Awtorita' tipprezenta Nota li fiha tiddikjara l-pozizzjoni taghha b'referenza ghal tali eccezzjoni.

Rat **in-Nota tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-21 ta' Novembru 2013**[7] **-**

*"Illi permezz taghha ai termini tad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tal-21 t'Ottubru 2013, u wara li rat in-nota pprezentata mir-rikorrenti fid-9 ta' Settembru 2013 tirrileva s-segwenti:*

*Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li bejn dak dikjarat fin-nota tad-9 ta' Settembru 2013 u l-kontenut tar-rikors mahluf, hemm bahar jaqsam. Naturalment il-Qorti trid tiddeciedi fil-parametri tar-rikors u t-talbiet kif migjuba fir-rikors mahluf promotur, biex la tmur ultra u lanqas extra petita, u ma tistax tqis noti pprezentati wara l-prezentata tar-rikors mahluf li l-iskop taghhom hu li jzidu jew jibdlu dak li hemm fir-rikors mahluf.*

*Illi l-Awtorita' esponenti tiddikjara li mhux ser tinsisti izjed fuq dik il-parti tal-ewwel eccezzjoni taghha fejn issollevat in-nuqqas ta' kjarezza fir-rikors promotur in kwantu r-rikorrenti, permezz tan-Nota msemmija, ndikaw l-Artikoli tal-ligi illi fuqhom qeghdin jibbazaw l-azzjoni minhom proposta, u dan b'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri li l-Awtorita' ser titlob li tigi awtorizzata tipprezenta issa li giet ipprezentata din in-nota.*

[6] Fol 57
[7] Fol 58

*Illi l-Awtorita' esponenti tiddikjara illi huwa biss issa f'dan l-istadju – u cioe' wara l-indikazzjoni tal-artikoli tal-ligi illi saret mir-rikorrenti – illi tinsab f'pozizzjoni illi tilqa' sew ghat-talbiet attrici billi tressaq l-eccezzjonijiet opportuni b'zieda ma' dawk gja minnha mressqa permezz tar-risposta mahlufa taghha, jekk tigi hekk awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti, u ghalhekk kontestwalment qed tipprezenta rikors f'dan is-sens."*

Rat **ir-Rikors tal-Awtorita' konvenuta tal-21 ta' Novembru 2013**[8] fejn ghar-ragunijiet hemm indikati talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tressaq eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat **id-digriet taghha tad-19 ta' Dicembru 2013**[9] li fih iddikjarat li fl-ewwel lok irid jigi determinat jekk il-provvedimenti tal-ligi li l-attur nomine ddikjara li qieghed jibbaza ruhu fuqhom ghal finijiet ta' din il-kawza, humhiex riflessi fir-rikors guramentat prezentat mill-attur nomine. F'dan ir-rigward, il-partijiet inghataw terminu sabiex jaghmlu sottomissjonijiet bil-miktub dwar dan l-aspett. Bla pregudizzju ghal dan, laqghet it-talba tal-Awtorita' sabiex tipprezenta twegiba guramentata ulterjuri.

Rat **ir-Risposta Guramentata ulterjuri tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tat-23 ta' Dicembru 2013**[10] fejn gie eccepit is-segwenti:

*"Il-preskrizzjoni/dekadenza tal-azzjoni attrici in kwantu bazata taht l-artikolu 469A (1) (b) (ii), (iii) u (iv), ai termini tas-sub-inciz (3) tal-istess artikolu 469A tal-Kap. 12 illi jipprovdi li l-azzjoni ghall-impunjazzjoni ta' ghemil amministrattiv trid tkun istitwita fi zmien li ma jeccedix sitt xhur minn meta l-persuna interessata saret, jew setghet tkun taf, bl-ghemil lamentat. Illi l-agir lamentat mir-rikorrenti permezz tal-proceduri de quo jirrigwarda l-hrug tal-*

[8] Fol 59
[9] Fol 63
[10] Fol 64 u 65

*permess ta' zvilupp bin-numru PA/01101/11. Dan il-permess gie approvat mill-Awtorita' konvenuta fis-16 ta' Dicembru 2011 (u dan kif jikkonfermaw ir-rikorrenti stess fir-rikors guramentat minnhom ipprezentat), filwaqt illi l-kawza giet intavolata fis-6 ta' Gunju 2013.*

*Illi in kwantu fin-nota tar-rikorrenti tad-9 ta' Settembru 2013 qed jigi dikjarat li din hi azzjoni ghal stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv taht l-art. 469A tal-Kap 12 u hi wkoll azzjoni ghad-danni skont l-art. 1030 et seq tal-Kap 16, tali azzjoni mista ma hix ritwali u lanqas permissibbli, in kwantu l-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv biss fil-kazijiet kontemplati, u fil-kuntest, tal-art. 469A tal-Kap 12, u r-rimedju ghad-danni hu cirkoskritt u limitat ghal dak li jipprovdi l-art. 469A (5) tal-Kap 12.*

*Illi t-talbiet avvanzati mir-rikorrenti riferibbilment ghad-danni allegatament kagunati lilhom, in kwantu l-azzjoni hi bazata wkoll taht l-artikoli tal-Kodici Civili citati mir-rikorrenti fin-nota tad-9 ta' Settembru 2013, huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2153 tal-kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta bit-trepass ta' sentejn.*

*Illi bla hsara ghall-fatt li ma jistax jinghad li r-rikorrent sofra xi danni, qed jigi eccepit illi l-Awtorita` tkun biss passibbli ghad-danni jekk jirrizulta li fl-agir tal-awtorita` eccipjenti kien hemm mala fede jew imgieba rragjonevoli. F'dan ir-rigward jigi eccepit illi t-talbiet tar-rikorrenti huma legalment insostenibbli mhux biss il-ghaliex  l-Awtorita' eccipjenti ma hija hatja ta' l-ebda delitt jew kwazi delitt fil-konfront tar-rikorrenti, izda ukoll ghaliex fl-agir tal-istess Awtorita' ma kien hemm l-ebda mala fede jew imgieba rragjonevoli.*

*Illi in kwantu fin-nota tad-9 ta' Settembru 2013, r-rikorrenti jaghmlu riferenza ghall-Konvenzjoni u ghall-Kap 319, il-Qorti ma tista tindaga dwar xi allegat ksur la tal-Konvenzjoni u lanqas tal-Kap 319 fil-parametri ta' azzjoni taht il-Kap 469A tal-Kap 12.*

*Illi kawza ta' stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta tista' issir biss f'kazijiet fejn l-ghemil amministrattiv jikser l-Kostituzzjoni u/jew ikun ultra vires minhabba xi wahda jew aktar mir-ragunijiet elenkati fil-paragrafu (b) tal-ewwel sub-inciz tal-Artikolu 469A. Issa ghalkemm l-atturi, permezz tan-nota illi pprezentaw fid-9 ta' Settembru 2013, iccitaw l-paragrafi (a) u (b) (ii) (iii) u (iv) tal-ewwel sub-inciz tal-imsemmi Artikolu tal-Ligi bhala l-bazi tal-azzjoni taghhom, fir-rikors guramentat minnhom ipprezentat, imkien ma avvanzaw xi lanjanza fis-sens illi l-ghemil imwettaq mill-eccipjenti sar bi ksur tal-kostituzzjoni u/jew kien ultra vires minhabba r-ragunijiet elenkati fil-paragrafi (b) (ii) (iii) u (iv). Illi l-Qorti trid tiddeciedi fil-parametri tar-rikors u t-talbiet kif migjuba fir-rikors mahluf promotur, biex la tmur ultra u lanqas extra petita, u ma tistax tqis noti pprezentati wara l-prezentata tar-rikors mahluf li l-iskop taghhom hu li jzidu jew jibdlu dak li hemm fir-rikors mahluf. Illi l-atturi ressqu kawza ghal dikjarazzjoni ta' responsabilita` u kundanna ghall-hlas tad-danni, li issa qed jittentaw jikkonvertuha f'kawza ta' stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva. Illi m'huwiex permissibbli ghall-atturi li fil-mori tal-kawza jibdlu l-kawzali u d-domandi li fuqhom ikunu bbazaw l-azzjoni taghhom.*

*Illi ma hemm l-ebda lezjoni tad-dritt ta' tgawdija ta' propjeta` tar-rikorrenti. Ukoll, l-Awtorita` ma ghamlet assolutament xejn li jista' jrendiha responsabbli ghal xi nuqqas li ghalih jahseb l-art. 469A tal-Kap 12.*

*Bl-ispejjez."*

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet[11].

Rat illi fil-frattemp kienu saru diskussjonijiet bejn il-partijiet bl-iskop ta' transazzjoni bonarja, liema laqghat ma kellhomx ezitu pozittiv.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet[12] u rat it-traskrizzjoni tal-istess in atti[13].

---

[11] Sottomissjonijiet ta' Awtorita' a fol 67 et seq u Sottomissjonijiet tal-attur noe a fol 83 et seq

Rat il-verbal taghha tas-6 t'April 2016 li fih il-kawza giet differita ghad-digriet dwar il-kwistjoni sollevata minnha *ex officio* u cioe' li *in primis* ghandu jigi determinat jekk il-premessi u t-talbiet fir-rikors guramentat tal-attur nomine jirrispekkjawx id-dispozizzjonijiet tal-ligi citati minnu sussegwentement bhala l-bazi tal-azzjoni tieghu.

Rat illi in segwitu ghal dak id-differiment l-attur, permezz ta' **rikors tal-1 ta' Gunju 2016**[14] informa lil din il-Qorti li l-partijiet kienu jerghu jinsabu f'negozjati bejniethom bil-ghan li jintlahaq ftehim amikevoli ghall-vertenza. Huwa talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tad-digriet ghal dan il-ghan, liema talba ma gietx opposta mill-Awtorita' konvenuta[15].

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2017 il-partijiet regghu ghal darb'ohra talbu differiment bil-ghan li forsi tintlahaq trattazzjoni.

Peress li t-transazzjoni baqghet ma sehhitx[16] illum ser jinghata l-provvediment limitatament dwar il-punt sollevat *ex officio* minn din il-Qorti fid-digriet taghha tad-19 ta' Dicembru 2013.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Il-kawza tal-lum titratta proceduri mressqa mill-attur nomine in segwitu ghal hrug ta' permess ta' zvilupp mahrug lilu mill-Awtorita' konvenuta bin-numru PA/02978/06 "*to demolish existing villa and to construct two levels basement garages, three maisonettes, twelve overlying apartments and three penthouses.*"

[12] Verbal tas-6 t'April 2016 a fol 100
[13] Fol 101 et seq
[14] Fol 131
[15] Visto - mhux oppost a fol 131
[16] Ara verbal tal-24 ta' Marzu, 2017 fol 138.

Huwa jallega li dan il-permess inhariglu biss wara li emenda l-applikazzjoni originali tieghu billi naqqas erba' *semi-basement maisonettes at semi-basement level* mill-pjan ta' zvilupp propost, u dan skont kif indikatlu l-Awtorita' konvenuta. Izda l-istess Awtorita' xi zmien wara approvat permess ta' zvilupp favur terzi f'sit adjacenti li kien jinkludi residenzi fil-livell ta' *semi-basement* b'mod kwazi identiku ghal dak originarjament propost mill-istess attur nomine. L-attur ilmenta li bil-hrug ta' dan il-permess ta' zvilupp lil terzi l-Awtorita' konvenuta rrendiet ruhha responsabli ghad-danni kollha sofferti mill-attur fosthom telf ta' valur tar-residenzi li huwa kien kostrett inehhi mill-applikazzjoni originali PA/02978/06. L-attur talab ghalhekk il-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni rekati lilu per konsegwenza tal-agir tal-Awtorita' konvenuta.

Minn naha l-ohra l-Awtorita' konvenuta fl-ewwel lok resqet eccezzjonijiet preliminari dwar (i) in-nullita' tar-rikors guramentat ghax ma jindikax b'mod car u sewwa l-oggett u t-tip ta' kawza esperita u r-ragunijiet tat-talba, (ii) in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qorti, kif ukoll (iii) il-prova tal-interess guridiku tal-attur nomine. Fil-mertu, l-Awtorita' konvenuta rribattiet illi fl-iprocessar u l-approvazzjoni tal-permessi ta' zvilupp kemm tal-attur nomine kif ukoll tat-terzi in kwistjoni hija segwiet il-ligijiet, regolamenti u *policies* tal-ippjanar applikabli. Inoltre l-attur nomine ma sofra ebda danni kif allegat minnu u fi kwalunkwe kaz jinkombi fuqu li jipprova n-ness bejn id-danni sofferti u xi nuqqas tal-Awtorita'.

**Ikkunsidrat:**

Fin-Nota tieghu tad-9 ta' Settembru 2013[17] l-attur nomine jindika li l-bazi tal-azzjoni tieghu hija msejsa fuq tlett binarji:

[17] Fol 56. Dan wara digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta fir-rigward, a folio 54.

L-artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta) senjatament il-paragrafi (1) (a) u (b) (ii), (iii) u (iv):

*"469A. (1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:*

*(a) meta l-egħmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;*

*(b) meta l-egħmil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:*

……

*(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; jew*

*(iii) meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*

*(iv) meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi."*

2. B'referenza partikolari ghall-artikolu 469A (1) (a) lanjanza ta' ksur tad-dritt ta' tgawdija tal-proprjeta' kif sancit fil-Kostituzzjoni ta' Malta u ai termini tal-artikolu 1 tal-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem kif inkorporata fil-ligi nostrali permezz tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

L-attur nomine ma specifikax l-artikolu nvokat tal-Kostituzzjoni, izda tenut kont li dan qieghed jigi abbinat mal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, il-Qorti ser tqis li r-referenza hija ghall-artikolu 37:

*"37. (1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist -*
*(a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq;*

*(b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u*
*(ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta:*

*Iżda f'każijiet speċjali l-Parlament jista', jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b'liġi jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b'mod obbligatorju; u f'kull każ bħal dak il-kumpens għandu jiġi iffissat u għandu jitħallas skont hekk.*

Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea:

*"Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

*Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta'*

*proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni."*

3. L-1030, 1031, 1032 u 1033 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"1030. Kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu.*

*1031. Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.*

*1032. (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*

*(2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar.*

*1033. Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa ii biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."*

Il-Qorti tinnota wkoll li nonostante zewg digrieti taghha[18] li fihom ordnat lill-attur nomine sabiex jiddikjara liema huma l-provvedimenti tal-ligi li fuqhom qieghed jibni l-pretensjonijiet tieghu, bl-intiza ovja li tigi ccarata inekwivokabilment il-bazi tal-azzjoni tieghu kemm fl-ahjar interess tal-gustizzja u tad-drittijiet rispettivi tal-partijiet fil-kawza, l-attur fiz-zewg Noti dikjaratorji tieghu[19] xorta rriserva li jindika artikoli ohra tal-ligi jekk ikun il-kaz.

[18] Digrieti tas-27 ta' Gunju 2013 u tat-28 t'Awissu 2013
[19] Noti tat-26 t'Awissu 2013 u tad-9 ta' Settembru 2013

L-attur nomine jissottometti li d-dispozizzjonijiet tal-ligi ndikati fin-Noti prezentati minnu huma riflessi fir-rikors guramentat li jindika kif l-agir amministrattiv tal-Awtorita' konvenuta kien *ultra vires* u kkawza danni lill-attur nomine oltre ksur tad-dritt ta' tgawdija ghall-proprjeta' kif protett fil-Kostituzzjoni ta' Malta u fil-Konvenzjoni Ewropea. Huwa jghid ukoll li l-ligi taghna ma tirrikjedix tassattivament l-indikazzjoni tal-provvedimenti specifici tal-ligi li fuqhom hija bazata l-kawza mressqa izda huwa bizzejjed illi l-premessi u t-talbiet jispjegaw x'wassal ghall-intavolar tal-proceduri u x'inhu l-intendiment tal-attur permezz taghhom. L-attur jinsisti li l-ghemil amministrattiv lamentat fil-kaz odjern u kif dan wassal ghar-responsabilta' ghal danni da parti tal-Awtorita' mhuwhiex biss rifless fil-premessi tar-rikors guramentat izda anke fit-talbiet.

L-Awtorita' konvenuta targumenta invece li l-artikoli tal-ligi nvokati mill-attur nomine bhala l-bazi tal-azzjoni tieghu b'ebda mod ma huma rintraccabli fil-premessi u t-talbiet kontenuti fir-rikors guramentat. Anzi, fil-fehma tal-Awtorita', l-attur qieghed jipprova addirittura jikkonverti l-azzjoni – li hija wahda ghal dikjarazzjoni ta' responsabilta' u kundanna ghal hlas ta' danni – f'kawza ghal stharrig ta' ghemil gudizzjarju a tenur tal-artikolu 469A tal-Kap 12, li hija kompletament distinta u separata minn dik originarjament intavolata permezz tar-rikors guramentat fl-ismijiet premessi. *Ictu oculi*, ebda wahda mill-lanjanzi avvanzati mill-attur ma hija fis-sens illi ghemil imwettaq mill-Awtorita' sar bi ksur tal-Kostituzzjoni u/jew kien ultra vires minhabba xi raguni jew ohra ndikati fil-paragrafi ta' l-artikolu 469A indikati mill-attur. Ghal dak li jolqot il-lanjanza ta' ksur ta' dritt ta' tgawdija tal-proprjeta', din ukoll ma tiffurmax il-bazi tal-azzjoni kif originarjament proposta, izda giet introdotta sussegwentement mill-attur permezz tan-Nota prezentata minnu. *In fine*, ma hemm ebda talba fir-rikors guramentat li tirrifletti fis-sustanza taghha l-artikoli tal-ligi nvokati fin-Noti tal-attur.

**Ikkunsidrat:**

In tema legali l-Qorti tibda billi tosserva li fost ir-rekwiziti mehtiega f'rikors guramentat, l-artikolu 156 tal-Kap 12 jipprovdi hekk:

*"156. (1) Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u għandu jkun fih - (a) dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment;*

*(b) ir-raġuni tat-talba;*

*(ċ) it-talba jew it-talbiet li għandhom ikunu enumerati;"*

Dwar l-implikazzjoni tad-dicitura f'dan l-artikolu li jirrikjedi tifsir "*b'mod car u sewwa*" tal-oggett tal-kawza u r-raguni tat-talba, intqal hekk fil-kaz **Jonathan Ellul et vs Jesmond Mercieca et deciz fl-14 t'April 2016**[20] -

*"Kif qalet il-Qorti, fil-kawza Jonah Caruana et vs Kummissarju tal-Artijiet et, PA 14/01/2016, fuq it-tifsira tal-kliem 'tifsir car u sewwa tal-oggett u raguni tat-talba' intqal hekk: 'Illi huwa sewwa sew dwar din id-dispozizzjoni li wiehed isib ghadd ta' decizjonijiet tal-Qrati taghna li jfissru l-limiti taghha fid-dawl tal-eccezzjoni tan-nullita' tal-att promotur ta' kawza minhabba n-nuqqas ta' harsien tal-ligi. Bosta minn dawn id-decizjonijiet inghataw minhabba li jkun gie allegat li t-talba kienet incerta. Biz-zmien issawret it-tejorija, maghrufa bhala "tal-ekwipollenti", li nisslet il-principju li mhijiex mehtiega ebda ghamla espressa ghall-proposizzjoni tal-azzjoni*[21]*;*

[20] Rik Gur 1190/10MCH
[21] PA 09/03/1965 fil-kawza fl-ismijiet **M. Muscat noe vs Dr. J. Cassar et noe**. (Kollez. Vol: XLIX.ii.809) 'imsemmija

*Illi, ghalhekk, rikors mahluf m'ghandux jitwaqqa' ghajr ghal raġunijiet gravi*[22]*. Madankollu, jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' ghamla u kwalita' tali li jcahhad b'mod serju lill-imharrek mid-difiza tieghu, ir-Rikors Mahluf ghandu jitwaqqa'*[23]*. Ghaldaqstant, biex Rikors Mahluf jghaddi mill-prova tal-validita' huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min harrikha*[24]*, u li tali tifsira, kif inghad aktar 'il fuq, ma tkunx ta' hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba ta' l-attur*[25]*;*

*Illi huwa wkoll mizmum bhala principju generali li n-natura u l-indoli talazzjoni ghandhom jinstiltu mit-termini ta' l-att li bih ikunu nbdew il-proceduri*[26]*. Normalment, b'dan wiehed jifhem li dak li kellu f'mohhu min ikun fetah il-kawza jkun irid jirrizulta mill-att promotur innifsu u mhux minn provi li jitressqu izjed 'il quddiem fil-kawza*[27]*. B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawza ma jgibx pregudizzju serju lill-parti mharrka, allura ma jistax jinghad li l-att promotur huwa milqut min-nuqqas ta' siwi jew li l-procedura ma tkunx tista' tigi salvata, imbasta li dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eccezzjonijiet*[28]*;*

Il-gurisprudenza dwar il-materja hija kopjuza. **Fl-kaz George Micallef vs Anthony Grima et deciz fid-29 t'April 2016** il-Qorti tal-Appell qalet hekk[29]:

---

[22] App 20/02/1935 fil-kawza fl-ismijiet **Merola pro et vs Caruso** (Kollez. Vol: XXIX..i.106)
[23] App 22/05/1967 fil-kawza fl-ismijiet **Scicluna vs Xuereb et** (Kollez. Vol: LI.i.299); u Kumm 19/06/1989 fil-kawza fl-ismijiet **Frendo noe vs Attard noe** (Kollez. Vol: LXXIII.iv.971) u s-sentenzi hemm imsemmija
[24] PA 14/02/1967 fil-kawza fl-ismijiet **Coleiro vs Ellul** (Kollez. Vol: LI.ii.779)
[25] App Kumm 20/01/1986 fil-kawza fl-ismijiet **Bonnici vs Zammit noe et** (Kollez. Vol: LXX.ii.243)
[26] App 07/03/1958 fil-kawza fl-ismijiet **Tabone vs DeFlavia** (Kollez. Vol: XLII.i.87)
[27] App 30/03/1998 fil-kawza fl-ismijiet **Raymond Bezzina vs Anthony Galea** (mhix pubblikata)
[28] PA 24/06/1961 fil-kawza fl-ismijiet **Falzon vs Spiteri et** (Kollez. Vol: XLV.ii.696)
[29] Rik Nru 4/14

*In tema legali din il-Qorti tikkunsidra opportuni s-segwenti principji identifikati mill-gurisprudenza interpretattiva u li huma relevanti ghad-determinazzjoni tal-vertenza soggett ta' dan l-appell. "L-indoli tal-azzjoni tigi dezunta mhux tant mill-kliem piu o meno ezatti ta' l-att istituttiv tal-gudizzju, imma mill-iskop li ghaliha huwa intiz il-gudizzju [Vol.XXXIV.III.746].*

…….

*"Biex tigi fissata n-natura vera ta' l-azzjoni li tigi ezercitata wiehed irid ihares mhux lejn il-kliem kemm lejn dak li sostanzjalment gie mitlub*[30] *bic-citazzjoni, jigifieri l-fondament u l-oggett tal-pretensjoni fiha dedotta. Vol.lXXXV.II.776]." [App.S Carmelo Scicluna et vs Angelo Scicluna, 27 Frar 2015]*

Imbaghad fil-kaz **Charles Grech et vs John Agius deciz fil-21 t'April 2016**[31] din il-Qorti diversament preseduta osservat hekk:

*"Illi kif intqal "La causa dell'azione e` il fatto costitutivo del diritto al mutamento giuridico. La volonta` d'impugnare che si riferisce a una causa non si riferisce a un'altra (ne` e` lecito distinguere fra cause prossime o no)… il giudice che passa da una causa all'altra pronuncia ultra petita"*[32]*(enfasi miżjuda mill-Qorti). Dan it-tagħlim għadu jgħodd sallum u huwa segwit mill-Qrati tagħna: "Hu magħruf, u anke aċċettat, in linea ta' prinċipju ġenerali, illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu deżunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proċeduri (Kollez. Vol XLII pI p86). Hi wkoll regola proċedurali, sostenuta mill-ġurisprudenza, illi l-kawżali tad-domanda ossija r-raġuni ġuridika tat-talba, oltre li għandha tiġi mfissra ċar u sewwa, ma tistax tiġi mibdula jew aġġunta u l-Qorti għandha toqgħod għat-talba kif tkun ġiet*

[30] Sottolinear tal-Qorti
[31] Rik Nru 1266/07 JRM
[32] Giuseppe Chiovenda, *Istituzioni di Diritto Processuale Civile*, (Napoli, 1953) Vol I paġna 321,

*imfissra fl-att taċ-ċitazzjoni (Kollez. Vol. XXXIV pI p85). Dan b'mod li l-Qorti ma tistax tiddeciedi fuq xi dritt iehor li jkun jirrizulta, anke ghaliex, kif ritenut, 'mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni' (Kollez. Vol. XLVIII pII p777)"*[33];

*Illi l-istess awtur li ssemma jkompli jisħaq fuq is-siwi li l-parti li tiftaħ kawża tidentifika x'inhi sewwasew il-kawżali li fuqha jressaq it-talba tiegħu. Huwa jikteb hekk: "Identita` della cause (eadem causa petendi) – E` questo l'elemento piu` delicato da esaminare. Il concetto di causa o titolo… e` complesso. In generale esso indica il fondamento, la ragione di una pretesa. Ma questa idea generale va analizzata e precisata. .. .. Occorre subito escludere che la causa petendi sia la norma di legge invocata dalla parte in giudizio. L'azione si individua e si identifica mediante gli elementi di fatto che hanno resa concreta la volonta` della legge e non per la norma astratta di legge. Quindi il semplice mutamento del punto di vista giuridico (cioe` l'invocazione di una diversa norma nel caso che uno stesso fatto possa cadere sotto diverse norme di legge) non importa diversita` d'azioni: esso e` quindi lecito alla parte, lecito al giudice. Mutando il solo punto di vista giuridico non si evita la eccezione di cosa giudicata*"[34];

*Illi jidher tajjeb li qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tikkunsidra jekk tistax tilqa' t-talba tal-atturi kif dedotta, tagħmel ftit riflessjonijiet oħrajn kemm jista' jkun qosra dwar il-kunċett ta' talba u ta' kawżali. Kull domanda fiha tlett elementi: suġġetti, oġġett u causa. Isegwi minn dan illi żewġ azzjonijiet u żewġ domandi jkunu identiċi meta jkollhom in komun it-tlett elementi. Id-differenza ta' element wieħed huwa biżżejjed biex jipproduċi azzjoni differenti. Dawn it-tlett elementi ġew hekk spjegati minn Mandrioli,*

[33] App. Inf. PS **23.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Cassar vs Victor Żammit***
[34] Chiovenda, *op.cit*, paġna 316

*ġurista mportanti Taljan: "L'oggetto, o petitum e`, come dice la parola, cio` che si chiede con la domanda. E poiche` la domanda e` rivolta non a un soggetto solo, ma a due soggetti (al giudice ed all'altra parte) ai quali si richiedono cose diverse, il petitum assumera` in concreto, due aspetti diversi. Innanzi tutto, ossia in via immediata, la domanda si rivolge al giudice al quale si chiede non la cosa o la prestazione oggetto del diritto sostanziale, ma un provvedimento… In secondo luogo, ossia in via mediante, la domanda si rivolge alla cosidetta controparte, che per lo piu` e` il convenuto: e a questo soggetto non si chiede un provvedimento, ma si chiede un bene della vita: una cosa (il fondo Serviano, o quella certa macchina), o una prestazione (pagare 100, costruire un muro ecc.) oppure si chiede di non contestare una determinata situazione giuridica che ha un certo oggetto; oppure, ancora, di subire una certa modificazione giuridica… 'Causa petendi' significa ragione del domandare; e naturalmente ragione giuridica o titolo giuridico… la ragione obiettiva su cui la domanda si fonda: in altri termini il diritto sostanziale affermato in forza del quale viene chiesto il petitum"*[35];

Elenkati dawn il-principji gurisprudenzjali, l-Qorti tqis illi qari tal-premessi fir-rikors guramentat juri li sostanzjalment l-ilment tal-attur huwa li "l-agir" da parti tal-Awtorita' konvenuta bil-hrug tal-permess ta' zvilupp lil terzi f'sit adjacenti, ghal ragunijiet "*mhux legalment gustifikabbli*", "*ikkawza u qed ikompli jikkawza danni finanzjarji konsiderevoli*" *lill-attur nomine*[36]. Huwa evidenti ghalhekk minn dan  illi l-allegazzjoni li gew ikkawzati danni hija konsegwenzjali, sussudjarja u b'rizultat dirett tal-allegat agir tal-Awtorita'. Bit-talbiet tieghu l-attur qieghed jitlob dikjarazzjoni mill-Qorti li huwa *"sofra danni*

[35] Cristiano Mandrioli, *Diritto Processuale Civile*, (2011), paġni 170 u 171
[36] Ara partikolarment premessa enumerate 7 fir-rikors guramentat

*konsegwenza tal-agir"* tal-Awtorita' konvenuta (l-ewwel talba) u li l-istess Awtorita' hija *"unikament responsabbli"* ghal dawn id-danni sofferti (it-tieni talba). Fit-tielet u r-raba' talba rispettivament l-attur nomine qieghed jilob il-likwidazzjoni u l-hlas tad-*"danni sofferti*".

Meta ezaminati dawn il-konstatazzjonijiet fil-kuntest ta' dak li jipprovdi l-artikolu 469A tal-Kap 12, il-Qorti bla tlaqliq tghid li ma jirrizultalha xejn x'jikkonvinciha li l-azzjoni tal-attur nomine kif impustata hija tassew imsejsa fuq dan l-artikolu tal-ligi. Fi kwalunkwe kaz, anke jekk l-attur nomine kellu dan l-intendiment f'mohhu, certament li ma giex rifless fir-rikors guramentat prezentat minnu. Jigi sottolineat li l-bazi ta' dan l-artikolu tal-Kap 12, fl-ewwel subinciz tieghu, huwa l-istharrig tal-validita' o meno ta' att amministrattiv fil-kuntest tax-xenarji previsti fil-paragrafi (a) u (b) tieghu.

Ebda wahda mix-xenarji elenkati fil-paragrafi (a) u (b) tal-artikolu 469A (1) ma hemm hjiel taghhom fil-premessi jew fit-talbiet. Kif inghad, l-attur nomine imkien ma ppremetta jew talab lil Qorti tiddikjara li l-agir tal-Awtorita' kiser il-Kostituzzjoni ta' Malta, jew li kien *ultra vires* ghax l-Awtorita' konvenuta naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv taghha jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil. Lanqas ma tista' tigi dedotta mqar xi allegazzjoni fis-sens li d-decizjoni tal-Awtorita' meta harget il-permess tal-izvilupp lil terzi fuq sit adjacenti jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa taghha bhala awtorità pubblika ghax dan sar għal għanijiet mhux xierqa jew issejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti. Ukoll ma hemm ebda indikazzjoni li l-agir tal-Awtorita' imur kontra xi ligi. Kull ma ppremetta l-attur vagament kien li l-agir tal-Awtorita' konvenuta ma kienx "*legalment gustifikabbli*", allegazzjoni li lanqas remotament ma' tista' tigi nterpretatata li tinkludi dawn l-elementi kollha appena citati skont tal-artikolu 469A (1) (a) u (b) (ii), (iii) u (iv).

Anke ghal dak li huwa l-effett intiz tal-artikolu 469A tal-Kap 12 – huwa car li l-iskop tal-istharrig ta' ghemil amministrattiv huwa li jekk jinstab li tali ghemil sar bi ksur ta' din id-dispozizzjoni tal-ligi, dan jigi dikjarat null, invalidu u minghajr effett. Ma hemm ebda talba f'dan il-kuntest mill-attur nomine fir-rikors guramentat.

Finalment ghal dawk li huma danni, l-attur nomine mkien ma allega xi *mala fede* da parte tal-Awtorita', element li huwa necessarjament mehtieg *sine qua non* sabiex tigi kunsidrata talba ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni a tenur tal-artikolu 469A (5), tant lil ligi titlob fis-sub inciz imsemmi li dawk id-danni ma jinghatawx jekk l-Awtorita' "*ma tkunx agixxiet in mala fede".*

**Ma hemm ebda dubju ghalhekk li l-azzjoni attrici ma tinkwadrax ruhha fil-parametri tal-artikolu 469A tal-Kap 12 kif pretiz mill-attur nomine.**

Dispozizzjoni ohra tal-ligi invokata mill-attur nomine bhala bazi ta' l-azzjoni tieghu hija l-Kostituzzjoni ta' Malta[37] u l-artikolu 1 tal-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem kif inkorporata fil-ligi nostrali permezz tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta) fis-sens ta' lanjanza ta' ksur tad-dritt ta' tgawdija tal-proprjeta'.

In kwantu l-attur nomine hawnhekk qieghed jabbina l-allegat ksur tal-Kostituzzjoni dwar ksur tad-dritt tal-proprjeta' *"b'referenza partikolari ghall-artikolu 469A (1) (a)",* il-Qorti tissottolinea mill-ewwel li l-artikolu 469A tal-Kap 12 jeskludi ghal kollox kwistjonijiet li jolqtu lanjanzi dwar ksur ta' drittijiet fundamentali fil-Kostituzzjoni inkluz ghalhekk id-dritt ghat-tgawdija tal-proprjeta' kif protett bl-artikolu 37 taghha.

[37] L-attur nomine ma specifikax l-artikolu nvokat tal-Kostituzzjoni, izda tenut kont li dan qieghed jigi abbinat mal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, il-Qorti ser tqis li r-referenza hija ghall-artikolu 37.

Kif konfermat minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kaz **Martin Baron pro et noe vs Kummissarju tal-Artijiet et deciz fit-28 ta' Mejju 2015**[38] inghad –

*"Illi ghalkemm l-artiklu 469A(1)(a) jippermetti l-istharrig gudizzjarju meta l-ghemil jikser il-Kostituzzjoni, skont l-gurisprudenza l-aktar recenti:*

*"Fi kliem iehor – u din il-Qorti tittama li din il-kwistjoni issa tigi risolta darba ghal dejjem, cioe` anke ghal kazijiet futuri – l-appellanti (jew, qabilhom, l-awtur taghhom) ma setghux jifthu kawza ordinarja ghal stharrig gudizzjarju taht is-subartikolu 1(a) tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12, u jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom protetti taht il-Kostituzzjoni, ghax dak is-subartikolu jirreferi ghal ksur tal-Kostituzzjoni minn ghemil amministrattiv li (i) ma jkunx jammonta ghall-ksur, ossia allegat ksur, tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-Artikoli 33 sa 45 tal istess Kostituzzjoni, u li (ii) ai termini tal-istess Kostituzzjoni jkun jista' jigi mistharreg mill-qrati ordinarji."-(sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kaz fl-ismijiet **Christopher Hall et v. Direttur tad-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali et**, - deciza fit-18 ta' Settembru, 2009 li ttrattat dan is-subartiklu in funditus.)"*

Inoltre l-artikolu 469A (1) (a) jirreferi biss ghall-istharrig ta' ghemil amministrattiv li jikser il-Kostituzzjoni u ma jinkludix ukoll ksur ta' ligijiet oridinarji. Ir-referenza tal-attur ghalhekk ghal ksur ukoll tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta ma tiffigurax fil-kuntest ta' dan il-paragrafu tal-artikolu 469A (1).

Il-Qorti ghalhekk sejra tqis il-provvedimenti tal-ligi kwotati mill-attur nomine fil-kuntest tad-dritt fundamentali ghat-tgawdija ta' proprjeta' taht il-

[38] Cit Nru 1168/12 LSO

Kostituzzjoni u l-Kap 319 fuq bazi *sui generis*. Izda anke hawnhekk il-proposta tal-attur nomine ssib skoll il-ghaliex huwa ghazel li jressaq il-lanjanzi tieghu quddiem Qorti ordinarja b'gurisdizzjoni ordinarja u ghalhekk il-Qorti hija marbuta li tiddeciedi l-kaz fil-parametri ta' din il-guridizzjoni li ma tinkludix poter li tiehu konjizzjoni ta' lanjanzi ta' natura kostituzzjonali. Fi kwalunkwe kaz, huwa wkoll evidenti li mkien fir-rikors guramentat ma hemm xi indikazzjoni li l-attur nomine kien jivvanta pretensjonijiet fuq dawn il-binarji.

**Ghal darb'ohra l-Qorti tqis ghalhekk li l-azzjoni attrici lanqas ma tinkwadra ruhha fil-parametri ta' kawza diretta lejn dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali kif sanciti fil-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Invece l-Qorti tqis li l-premessi u t-talbiet fir-rikors guramentat juru b'mod car li din hija kawza ordinarja ghal danni, spettanti lil kull min allegatament sofra mill-agir kolpuz ta' terzi, u previsti mill-artikoli 1030, 1031, 1032 u 1033 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikoli l-attur nomine iddikjara wkoll bhala l-bazi tal-azzjoni tieghu. Kif diga' inghad, il-premessi li fuqhom evidentement hija, fis-sustanza, ibbazata l-azzjoni tal-attur nomine huma li b'rizultat tal-agir tal-Awtorita' konvenuta meta din harget il-permess numru PA/01101/11 l-attur nomine sofra danni, *sic et simpliciter*. Dawn il-premessi huma pjenament riflessi u konformi mat-talbiet fir-rikors guramentat u cioe' talbiet sabiex jigi dikjarat li huwa "sofra danni konsegwenza tal-agir tal-Awtorita' konvenuta ghall-liema danni ghandha tigi dikjarata responsabbli unikament ghalihom l-istess Awtorita', kif ukoll talbiet ghall-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni allegatament sofferti.

Dwar dan, tenut kont ukoll li l-artikoli relattivi tal-Kodici Civili rigwardanti danni naxxenti minn tali allegat agir gew indikati wkoll mill-attur bhala bazi

ghall-kawza tieghu, ghall-liema wkoll l-Awtorita' konvenuta resqet anke l-eccezzjonijiet opportuni permezz ta' risposta guramentata ulterjuri, il-Qorti ma tarax li gie kawzat xi pregudizzju ghall-Awtorita' konvenuta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti, b'referenza ghall-kwistjoni sollevata minnha stess *ex officio* fid-digriet taghha tad-19 ta' Dicembru 2013 tiddikjara u tiddeciedi li:**

**1. L-Artikolu 469A(1) (a) u (b) (ii), (iii) u (iv) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta) kif dikjarati mill-attur nomine fin-Nota tieghu fid-9 ta' Settembru 2013, ma humiex riflessi fir-rikors guramentat prezentat minnu;**

**2. Il-lanjanza ta' ksur tad-dritt ta' tgawdija tal-proprjeta' kif protetta fil-Kostituzzjoni ta' Malta u ai termini tal-artikolu 1 tal-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem kif inkorporata fil-ligi nostrali permezz tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta), ma hijiex riflessa fir-rikors guramentat prezentat minnu nonostante li hekk iddikjara fin-Nota tieghu fid-9 ta' Settembru 2013;**

**3. L-Artikoli 1030, 1031, 1032 u 1033 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif dikjarati mill-attur nomine fin-Nota tieghu fid-9 ta' Settembru 2013, huma riflessi fir-rikors guramentat prezentat minnu;**

**4. Tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-binarji li r-rikors guramentat tal-attur jinkwadra ruhu u huwa bazat fuq id-dispozizzjonijiet tal-artikoli 1030, 1031, 1032 u 1033 tal-Kodici Civili kif dikjarat mill-attur.**

**5. L-ispejjez kollha relatati ma' dan l-episodju ghandhom ikunu a karigu tal-attur nomine.**

**Miriam Hayman**

**Imhallef**

**Victor Deguara**

**Dep. Reg.**